# Beati u Qaddisin...Novembru

## SAN Frangisk Antionio Fasani

## 27 ta' Novembru

Kien jismu Giovaniello u twieled fil-belt ċkejkna imma tant



ħelwa ta' Lucera, qrib Foggia, fil-Puglie, fl-Italja t'Isfel, fl-1681.
Francesco dahal mal-Frangiskani Konventwali fis-sena 1695.

Ghaxar snin wara gie ordnat sacerdot huwa kien jghallem il-filosofija lill-patrijiet iz-zghar u aktar tard serva bhala gwardjan tal-kunvent u zmien wara bhala provincjal ministru.

Meta z-zmien ta' provincjal ghaddhielu, Francesco sar majjistru tan-novizzi u finalment kappillan ta' belt twelidu.

F'kull kariga huwa kien jaqdi dmirijietu bir-reqqa u mhabba. Kien imfittex hafna bhala konfessur u predikatur. Xhud jirrakonta li l-priedki tieghu kienu ghan-nies li tant kienu attenti ghal kliemu . It-taghlim tieghu imsejjes fuq l-

Iskrittura Mqaddsa kienu jqanqlu lis-semmiegha tieghu ghall-konverzjoni u penitenza.

Il-foqra kienu l-hbieb tieghu u ghan-nom taghhom kien jittallab minghand il-benefatturi.

Miet fl-ewwel jum tan-Novena tal-Immakulata, , fid-29 ta' Novembru, 1742, ta' 61 sena. Il-fdal tiegħu jinsab meqjum b'għożża kbira taħt l-altar maġġur tal-knisja ta' San Franġisk ta' Lucera, tal-patrijiet ħutu Franġiskani Minuri Konventwali. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, ikkanonizzah fit-13 ta' April, 1986.

**Riflessjoni**

Ahna nsiru dak li naghzlu. Jekk naghzlu x-xehha insiru xhah. Jekk naghzlu l-kompassjoni nnisslu fina qalb hanina u li taf taghder. Il-qdusija ta' Franceso Antonio Fasani kienet rizultat tal-hafna decizzjonijiet zgharli ha biex jikkopera mal-grazzja ta' Alla.